**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Każ numru 75/2020 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Catherine Cauchi**

**John Cauchi**

**Jeremy Cauchi**

**Illum 7 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijet fil-konfront ta' **Catherine Cauchi**, bint John Zammit u Mary nee Spiteri imwielda Birkirkara, fit-8 ta' April 1941, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 271241M; **John Cauchi**, bin Thomas u Catherine nee Zammit, imwieled Attard Malta fl-14 ta' Novembru 1963 detentur tal-karta tal-identita' numru 650263M, u **Jeremy Cauchi**, bin Thomas u Catherine nee Zammit, imwieled Attard fis-27 ta' Diċembru 1969, detentur tal-karta tal-identita' numru 58770M li permezz tagħhom gew akkuzati talli fid-9 ta' Ottubru 2019 u fiż-żmien ta' qabel f'diversi atti magħmulin minnkom fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda matul dawn l-aħħar ġimgħat/xhur, f'dawn il-Gżejjer:

1. *"Nqastu li tobdu l-ordni leġiittima mogħtija lilkom mill-Pulizija, ta' liema ordni hawn annessa kopja formanti parti minn din iċ-ċitazzjoni, biex tneħħu l-perikolu w ssewwu l-ħsara li hemm fil-fond 'Karlu Flats Flat 4, Triq il-Qbajjar Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex li hija propjeta' tagħkom jew amministrata minnkom.*
2. *Ħallejtu wara li ġejtu mwissija mill-Pulizija jew minn gwardjan Lokali, bini jew opri fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' Karlu Flats, Flat 4, Triq il-Qbajjar Marsalforn, limiti Żebbuġ Għawdex"*

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti esibiti;

**Rat** ir-rapport tal-esperti maħtura;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Rat** l-artikoli relevanti;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti rat u fliet l-inkartament kollu ta' dan il-proċess b'mod partikolari r-rapport tal-esperti maħtura minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Bħala provi, ġie esibit l-avviż li ntbagħat lill-imputati ai termini tar-regolament 38 tal-Avviz Legali 29 tal-2010 datat 19 ta' Novembru 2018 (Dok A a fol 11) kif ukoll rapport tal-Perit Guido Vella data 5 ta' Novembru 2018 (Dok B a fol 12).

Inoltre, il-perit legali u l-perit tekniku semgħu diversi xhieda kif ukoll aċċedew fuq is-sit inkwistjoni. In riassunt ix-xhieda mismugħa mill-periti maħtura kienet is-segwenti:

i. Il-parte civile Carmel sive Charles u Teresa konjugi Debono

ii. Maria Callus, Noel Zammit, Anthony Sacco

iii. Perit Arkitett Emanuel Vella

iv. Jeremy Cauchi

L-esperti legali żammew aċċess quddiem il-blokk bl-isem ta' Karlu Flats, fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn fejn ġie indikat illi l-kawża tikkonċerna l-gallarija tal-appartament numru 4 fil-blokka, liema appartament huwa propjetà tal-imputati, u ttieħdu ritratti tal-istess gallarija, u l-ħsarat apparenti fuq l-istess. Fir-rapport tagħhom, l-istess periti għamlu s-segwenti konstatazzjonijiet dwar l-istess appartament propjetà tal-imputati:

*"għandu żewġ cantilevers. Hemm il-cantilever tan-naħa ta' fuq tal-appartament li huwa s-saqaf tal-gallarija għall-impuati u estensjoni tal-art tal-appartament tal-parte ċivile. Hemm ukoll il-vantilever fuq in-naħa ta' isfel li huwa estensjoni tal-art tal-appartament tal-imputati li jisporġi 'l barra għal fuq it-triq pubblika......rigward is-saqaf li hemm bejn l-appartament tal-imputati u dak tal-parte ċivile, ma jeżisti l-ebda perikolu stante li dan is-saqaf ġie mirfu bi travi tal-injam u għalhekk attwalment m'hemm l-ebda perikolu....mhux l-istess pero jista' jingħad għal dak il-cantilever li huwa estensjoni tal-art tal-appartament tal-imputati u li jesporġi għal fuq it-triq pubblika....qed juri sinjali ċari ta' konsenturi fuq il-parti ta' quddiem tiegħu. Dan huwa evidenti ferm mill-faċċata....id-deterjorament ta' dan il-vantilever huwa ovvju u l-azzar tal-istess gallarija jidher li qiegħed fil-parti tal-qiegħ tal-istess struttura. Tali struttura x'aktarx li ma inbnietx skont l-arti u s-sengħa għaliex l-azzar m'għandux ikun fin-naħa ta' isfel tal-istruttura iżda fil-wiċċ......din l-istruttura iddeterjorat sal-punt li tali struttura illum hija waħda kundannata u perikoluża. Timponi risku ta' saħħa u sigurata kemm għal min jagħmel użu mill-istess gallarijau anke għall-pubbliku in ġenerali li jista' jkun għaddej minn taħtha. Definittivament li teħtieġ azzjoni immedjata fuq din il-gallarija biex jiġi evitat perikolu kemm għas-sidien tal-appartament numru erbgħa (4) u anke għall-pubbliku li jagħmel użu mill-bankina ta' taħtha-istat tal-art tal-istess gallarija.....il-fatt li jista jkun hemm terzi li jista' jkollhom wkoll sehem indiviż mill-istess gallarija (dan qiegħed jingħad għat-terzi li huma sidien tal-ground-floor maisonette) ma jeliminax jew ma jeskludix ir-responsabbilita kriminali tal-imputati. L-imputati bħala sidien tal-appartament numru erbgħa (4), Karlu Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn Għawdex għandhom jiżguraw li l-propjeta tagħhom ma tkunx ta' perikolu għas-saħħa u sigurta' ta' ħaddieħor. Huwa ċar li huma naqsu li jżommu l-istess propjeta tagħhom fi stat ta' manutenzjoni tajba."*

Id-difiża sostniet li għar-rigward il-gallarija ta' fuq, il-periklu tneħħa mill-parte civile, il-konjuġi Debono. Ġie argumentat ukoll illi ma jistax ikun li l-akkużati huma responsabbli kemm għall-gallarija ta' fuq l-appartament tagħhom, kif ukoll għall-gallarija ta' isfel. Din il-Qorti tqis li minn eżami tal-proċess, jirriżulta illi dwar il-perikli li kien hemm fil-gallarija ta' fuq l-imputati, sar ilqugħ mill-parte civile, biex il-periklu jitneħħa. Għaldaqstant, jidher evidenti illi l-ebda responsabbilità ma qiegħda tiġi attribwita fuq l-imputati rigward dan il-cantilever. Il-kawża saret dwar il-cantilever li hija l-estensjoni tal-art tal-appartament numru erbgħa.

Din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li din il-gallarija, u ċjoè l-cantilever li huwa estensjoni tal-art tal-appartament numru erbgħa (4) hija propjetà tal-imputati għaliex hija aċċessibbli mill-istess fond tagħhom. Inoltre, l-imputazzjonijiet inħargu dwar l-appartament kollu proprjetà tal-imputati u b'mod speċifiku dwar istess cantilever. Il-fatt li jista' jkun hemm terzi li jista' jkollhom ukoll sehem indiviż mill-istess gallarija, bħala s-sidien tal-maisonette sottostanti l-istess appartament numru erbgħa, ma jeskludix ir-responsabbilità tal-imputati li jieħdu ħsieb l-manutenzjoni tal-fond tagħhom.

Din il-Qorti qieset ir-rapport metikoluż li sar mill-periti inkarigati minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta u qiegħda tagħmel tagħha dak li ġie kkonstat kif ukoll il-ġurisprudenza hemm kwotata. Stante n-natura teknika ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali u mill-perit tekniku maħtura.

In segwitu għal dak ikkonstatat u konkluż mill-perit legali u mill-perit tekniku, din il-Qorti għandha s-segwenti xi żżid ma' dak li già ġie kkonstatat:

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, sabiex din tissussisti, iridu jikkonkorru s-segwenti ċirkostanzi:

1. li jkun hemm bini li jkun jew fi stat ta' tiġrif jew ikun ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor;
2. li jkun hemm persuna responsabbli minn dan il-bini;
3. li din il-persuna tkun ġiet imwissija, ċjoè infurmata jew avżata bl-eżistenza tal-istat ta' tiġrif jew periklu minn gwardjan lokali jew minn aġent tal-Pulizija; u
4. li għalkemm tkun saret din it-twissija, dik il-persuna responsabbli tħalli dak il-bini fi stat ta' tiġrif jew perikolożità.

Din il-Qorti tqis li dawn l-elementi lkoll ġew ippruvati. Irriżulta infatti li s-sit inkwistjoni huwa in parti fi stat ta' tiġrif, u in parti fi stat ta' periklu għan-nies, għalkemm il-periklu skont ir-relazzjoni peritali mhux neċessarjament imminenti. Dwar l-element li jkun hemm persuna responsabbli, fis-sens li jrid jiġi determinat għal min japplika dan ir-regolament, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għal dak li ntqal fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Vella deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, per Prim'Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano deċiż nhar il-25 ta' Ġunju 2001:-

"*Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, dana l-Artikolu 25 ma jirreferi ghal ebda persuna specifika jew kategorija ta' persuni: "Hadd ma jista'...ecc.". L-obbligu mpost bit-tieni parti ta' dana l-artikolu qieghed, ghalhekk, fuq kull persuna li b'xi mod ghandha kontroll effettiv fuq, u ghalhekk tista' effettivament tnehhi, il-perikolu esistenti, sia jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew lamministratur tal- fond, bini jew opra li tkun, salv, naturalment, kwalsiasi dritt ta' risarciment ta' l-ispejjez li dik il-persuna jista' jkollha fil-konfront ta' persuna jew persuni ohra (ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Robert Grech App. Krim. 30/9/94, Il-Pulizija v. Innocenzo Galea App. Krim. 10/7/98, Il-Pulizija v. Catherine Cauchi App. Krim. 6/10/98). Qorti ta' Gustizzja Kriminali fl- applikazzjoni ta' dana lArtikolu 25 m'ghandhiex toqghod tidhol fi kwistjonijiet ta' obbligazzjonijiet ta' natura civili; l-iskop tad- disposizzjoni in ezami hu li jitnehha malajr kemm jista' jkun il- perikolu mill-persuna li tista' effettivament tnennieh ghax ikollha b'xi mod kontroll effettiv fuq dak il-bini jew opra ohra. Jista' jaghti l-kaz ukoll li jkun hemm zewg persuni jew aktar li b'xi mod ikollhom kontroll effettiv kontemporaneament ta' post, bhal, per ezempju, is-sid tal-post jew l-amministratur u fl-istess hin l-inkwilin. F'dan il-kaz kull wiehed minnhom, jew anke wiehed minnhom biss, jista' jigi msejjah mill-Pulizija biex inehhi l-perikolu, f'liema kaz l-obbligu mpost bl-*

*Artikolu 25 ikun jinkombi fuq dik il-persuna li tkun giet hekk imsejjha u mwissija mill-pulizija. Dak li l-Qorti trid tara hu jekk il-persuna li tkun giet imsejjha u mwissija ghandhiex b'xi mod kontroll effettiv fuq il- bini jew opra ohra in kwistjoni b'mod li tista' effettivament tnehhi l-perikolu.*"

Għaldaqstant, anke dan l-element ġie ampjament ippruvat. Inkwantu għat-tielet element, jirriżulta li l-imputati ġew ordnati biex isewwu l-ħsarat fil-fond li huma responsabbli għalih, u dan permezz ta' avviz datat dsatax (19) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018). Finalment fir-rigward tar-raba' element, ma hemm ebda dubbju illi l-imputati naqsu milli jagħmlu xi xogħlijiet fil-fond illi huma responsabbli għalih, biex dan il-periklu jigi eliminat.

Inoltre, ġaladarba ser tinsab ħtija fit-tieni imputazzjoni, iwassal ukoll għal sejbien ta' ħtija fl-ewwel imputazzjoni u dana stante li din l-ewwel imputazzjoni u ċjoè dik ravviżata ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija marbuta propju mal-fatt li l-imputati jkunu naqsu li jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-pulizija sabiex ineħħu dan il-perikolu.

**DECIDE**

**Għal dawn ir-raġunijiet fuq esposti, wara li rat l-artikoli 18 u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 38 tal-avviz legali 29/2010, issib lill-imputati kollha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tagħhom u tikkundannahom għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsin ewro (€50) kull wieħed kif ukoll qed tordna lill-istess ħatja sabiex b'mod immedjat u sa mhux aktar tard minn xahar mid-data li din is-sentenza ssir res judicata li jsewwu l-bini Flat 4, Ta' Karlu Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, iż-Żebbuġ, Għawdex u b'mod aktar speċifiku l-cantilever li huwa estensjoni tal-art tal-istess appartament, sabiex jitneħħa kwalsiasi periklu għan-nies jew għall-proprejtà taħt penali ta' ħames ewro (€5) għal kull jum fin-nuqqas. Tordna li dan ix-xogħol għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-Perit Claude R. Mallia u li l-ispejjeż relattivi għas-superviżjoni tal-istess Perit Mallia għandhom jiġu mħallsa interament mill-istess imputati.**

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**